Minuti tal-Laqgħa Nru. 37 tal-Ħames Kunsill Lokali Luqa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill nhar l-Erbgħa, 28 ta' April 2010 fil-5.30 p.m.

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | il-Membri |
| Is-Sindku | Is-Sur John Schembri |
| Il-Viċi Sindku | Is-Sur Joseph Scicluna |
| Il-Kunsilliera | Is-Sur Victor Caruana<br>Is-Sur Joseph Piscopo A. Mus.L.C.M<br>Is-Sur Joseph Camilleri<br>Is-Sinjura Luċia Massa |
| **L-Uffiċjali:**<br>Is-Segretarju Eżek. | <br>Is-Sur Franco M. Azzopardi |
| **Skużat**: | Dr. Frank Psaila |

## AĠENDA

1. Qari u Approvazzjoni tal-Minuti
2. Riferenza għall-Minuti
3. Korrispondenza
4. Management Letter 2009
5. Audit Report 2008-09
6. Jum Ħal Luqa
7. Ħlasijiet
8. Aġġornament

## 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI

1.1 Peress li ma kienx hemm emendi, il-Minuti ġew approvati fuq mozzjoni tas-Sindku, John Schembri u ssekondata mill-Kunsillier Joseph Camilleri

## 2. RIFERENZA GĦALL-MINUTI

2.1 Is-Sur Victor Caruana informa l-Kunsill li ħassu dispjaċut bil-kummenti li għaddew għand il-kuntrattur li jżomm il-latrini, fejn il-kuntrattur saħansitra mar ifittxu id-dar u jurih id-dizapprovazzjoni tiegħu minħabba li s-Sur Caruana kien għadda xi kummenti kif inhu fl-obligu li jagħmel waqt il-laqgħa preċedenti tal-Kunsill dwar l-arranġament tal-ħidma tal-kuntrattur. Is-Sur Caruana tenna li ddiżapprova b'mod katergoriku l-atitudni ta' l-ex-Segretarju Eżekuttiv fejn allegatament għajjat il-kuntrattur u taħ informazzjoni kif ġiet diskussa fil-Kunsill qabel l-approvazzjoni ta' l-istess minuti. Kemm is-Sindku kif ukoll il-Viċi Sindku ċaħdu b'mod kategoriku li ma jafux b'dan il-każ.

2.2 Is-Sindku John Schembri informa l-laqgħa li t-tabib George Borg aċċetta l-unur ta' Ġieħ Ħal Luqa. Ġie infurmat formalment b'ittra dwar l-għażla unanima tal-Kunsill Lokali Luqa.

2.3 Is-Sur Victor Caruana ppropona biex is-sena d-dieħla l-ex Kunsilleri George Debono għandu jiġi nominat sabiex jingħata 'Ġieħ Ħal Luqa'. Is-Sindku minufih wieġeb li m'għaniex nistennew sena oħra biex jingħata dan il-ġieħ u ppropona biex ikun flimkien ma' Dr George Borg. Il-Kunsill qabel mal-proposta tas-Sindku.

2.4 Is-Sur Victor Caruana qal li s-Sur Joe Piscopo kien bagħat ittra bl-avukat madwar xahrejn ilu. Is-Sur Caruana reġa talab għal kopja ta' din l-ittra liema ittra intbagħtet lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali. Is-Segretarju Eżekuttiv kellu jiverifika dwar din l-ittra bi skop li s-Sur Caruana ikollu kopja tagħha.

## 3. KORRISPONDENZA

3.1 Is-Sindku John Schembri mar għas-suġġett li jmiss, dak tal-korrispndenza.

a) Is-Sur Victor Caruana flimkien ma' Dr Frank Psaila ressqu mozzjoni biex fil-laqgħa li jmiss skond il-proċeduri titressaq għad-diskussjoni tal-Kunsill.

b) Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-laqgħa li l-Kunsill Lokali ta' Ħal-Luqa ingħata ammont ta' €582 mill-fondi speċjali għal-libreriji. Minn dan l-ammont ingħataw €290 *vouchers* biex inġabru f'kotba għal dak l-ammont mingħand *Merlin Library*. Is-Sindku John Schembri ppropona li l-kumplament jiġi ppubblikat ktieb b'ġabra ta' poeziji tas-Sur Pietru Pawl Theuma. Is-Sur Joe Scicluna issekonda l-proposta tas-Sindku, liema proposta ġiet approvata minn dawk preżenti.

c) Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-laqgħa li s-Sur Michael Borg ħalla nota ta' l-ammonti li tħallew sal-31 ta' Marzu 2010 liema ammont huwa ta' € 421.40.

d) Il-Kunsill irċieva stedina mill-Iskola Primarja *St. Ingnatius College* għal jum ta' ċelebrazzjoni fl-Iskola Primarja ta' Ħal Luqa. Il-Kunsill huwa mistieden biex jattendi.

e) Il-Kunsill ġie mistieden biex jattendi għal-laqgħa bħala tħejjija għall-elezzjonijiet tal-Kumitatit Amministrattivi tal-Komunitajiet, liema elezzjonijiet se jsiru nhar is-Sibt, 5 ta' Ġunju 2010. Din il-laqgħa ta' informazzjoni se ssir nhar l-Erbgħa, 26 ta' Mejju fis-Sala tal-Kunsill Lokali Naxxar u tibda fil-5.00 p.m.

f) Saret talba mis-Sur Carmel Baldacchino ta' *Carly's Stationery* biex jagħmel *free standing bill board*. Is-Segretarju Eżekuttiv fakkar il-laqgħa li biex issir forma ta' riklam dan irid jiġi kopert b'Bye-Law li tkopri avviżi fuq propjeta pubblika ecc.

g) It-*TCTC* reġgħu stiednu l-Kunsill Lokali ta' Ħal-Luqa biex jiġu organizzati matul ix-xhur tas-sajf korsijiet tal-Komputer b'differenza fejn permess tal-Komputer it-tfal jitħarġu f'suġġetti akademiċi li jistudjaw l-iskola.

- Ġiet innotata wkoll il-korrispondenza kollha tal-MEPA li daħlet sat-28 ta' April2010.

## 4. MANAGEMENT LETTER 2009

4.1 Is-Sindku John Schembri infroma l-laqgħa li l-awdituri wara l-verifika tagħhom għall-accounts ta' l-1 ta' Aprill 2009 sal-31 ta' Diċembru 2009 għamlu is-solitu *Management Letter* kopja tagħha hija mehmuża. Minn dawn ġie innutat li s-sistema ta' *Petty Cash* għandha tiġi żvillupata u organizzata b'mod aħjar. Is-Segretarju Eżekuttiv Franco M. Azzopardi informa l-laqgħa li x'ħin iverifika l-kontentu tal-*cash boxes* kien hemm iżjed minn € 400 ġo fihom fejn huwa rrakomadat li ma jkunx hemm iżjed minn €50. Kull xahar għandu jingħata rendikont tal-*Petty Cash* u fl-istess ħin il-*cash boxes* jiġu mimlija sa €50 versu l-irċevuti rapprezentati. Il-Kumplament għandu jiġu depożitat fil-kont bankarju tal-Kunsill. Is-Sindku John Schembri ppropona li dan l-arranġament jiġi attwat liema proposta ġiet approvata bl-mod unanimu.

4.2 L-awdituri rrakomandaw li għandu jsir rikonċiljazzjoni tal-*Plant Register* u l-*accounting records* minħabba li nstabet diskrepanza bejnithom.

4.3 Ġie nnutat li l-LES ma kienx jaqbel mal-bilanċ ta' l-*accounting records* għaldaqstant kella ssir provizjoni biex l-*outstanding debtors* ta' l-LES iżjed minn sentejn jiġu bilanċjati.

4.4 L-awdituri ikkummentaw li fil-kontijiet bankarji dehru ċekkijiet li ma kienux preżentati datati 2006/2008 għaldaqstant sar aġġustament mill-awdituri.

4.5 l-awdituri nnutaw li s-somma assigurata ma tirriflettix il-valur attwali u għaldaqstant għandhom jiġu aġġustati biex jirriflettu l-valur rejali tagħhom fuq il-polza ta' assigurazzjoni.

4.6 Ir-risposta għal-*management letter* intbgħatet u din hija mehmuza.

## 5. AUDIT REPORT 1 TA' APRIL 2009/31 TA' DIĊEMBRU 2009

5.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa l-laqgħa li item 5 għandha tinqara kif indikata hawn fuq u mhux kif tidher fuq l-aġenda. Is-Sindku John Schembri informa l-laqgħa li l-*audited report* intbagħtu lill-awdituri biex dawn iresquhom fl-uffiċċju tal-auditur ġernerali skond kif mitlub mil-liġi.

## 6. JUM ĦAL-LUQA

6.1 Is-Sindku talab lis-Sur Joe Scicluna biex jagħti rendikont tal-programm ta' Jum Ħal-Luqa u kif se jiżvolgi. Is-Sur Scicluna informa l-laqgħa li ċ-ċelebrazzjoni ta' Jum Ħal Luqa se tinkludi wirja ''Ħal-Luqa fi Gwerra'' nhar il-Ġimgħa, 14 ta' Mejju. Fil-15 ta' Mejju se ssir quddiesa soleni fil-Knisja Parrokjali ta' Sant'Andrija u ser ssir parata militari. Se tinżamm wirja statika ta' armi, vetturi u kostumoi tat-Tieni Gwerra Dinjia. Ser issir parata bis-sehem tal-*Bagpipes Band u Luqa Girl Guides* u wara ssir l-għoti ta' Ġieħ Ħal Luqa. Fl-aħħar se jitella' mużikal bl-isem ta' 'Raħal fi Gwerra'. Nhar is-16 ta' Mejju ser issir attivita' sportiva mat-toroq ta' Ħal Luqa bis-sehem ta' '*Island Karting Club'*. Fis-26 ta' Mejju jkun hemm *Open Day* ġewwa l-Iskola Primarja ta' Ħal Luqa.

6.2 Is-Sur Joe Scicluna informa l-laqgħa li din l-attivita' qeda ssir fuq skala nazzjonali u l-Kunsill ingħata fondi speċjali mill-Gvern Ċentrali ta' €5,000 u jkun jonqos ammont biex din l-attivita' tkun ta' suċċess. Il-laqgħa ġiet infurmata li l-attivita' ser tiswa madwar €12,000. Is-Sur Victor Caruana talab dettal ta' dan it-€12,000 li se jintużaw għal din l-attivita'. Il-laqgħa approvat.

## 7. ĦLASIJIET

7.1 Is-Sindku ressaq l-iskeda tal-ħlasijiet għall-attenzjoni ta' dawk preżenti. Is-Sindku informa li l-ħlas ta' Sur Vincent Galea għax-xogħlijiet ta' pavimentar mhux ħa jsir kollu imma ħa jsir *payment on account* sakemm jiġi ċertifikat ix-xogħol tiegħu mill-perit tal-Kunsill.

7.2 Is-Sur Victor Caruana fid-dawl tal-mozzjoni mressqa iddikjara li mhux ħa jivvota favur l-iskeda tal-ħlasijiet. Is-Sindku ressaq l-iskeda għall-approvazzjoni liema skeda ġiet ssekondata mis-Sur Joe Scicluna u approvata minn dawk preżenti għajr is-Sur Caruana.

## 8. AĠĠORNAMENT

8.1 Peress li ma kienx hemm items oħra x'jiġu diskussi, is-Sindku fis-7.00 p.m. iddikjara l-laqgħa bħala magħluqa, filwaqt li ġiet ifissata d-data tat-27 ta' Mejju 2010 għal-laqgħa li jmiss tal-Kunsill.

- Konfermati llum 27 ta' Mejju 2010.

John Schembri
Sindku

Franco Azzopardi
Aġent Segretarju Eżekuttiv